



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10098/21

RECH 319
FEROE 4
AELE 42

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Gżejjer Faeroe għal Ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fi programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2021-2027

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Gżejjer Faeroe
għal Ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni
tal-Gżejjer Faeroe fi programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe
ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas tal-Unjoni
għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2021-2027**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi n-negozjati jenħtieġ li jinfetħu bil-ksieb li jiġi konkluż ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fi programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont Ewropa, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.21, p. 1).

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni b'dan qed tiġi awtorizzata tiftaħ negozjati mal-Gżejjer Faeroe, f'isem l-Unjoni, għal ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-partekipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fi programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2021-2027.
2. In-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stipulati fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

In-negozjati għandhom jitmexxew b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar l-EFTA għal kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet ġenerali għall-partekipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fi kwalunkwe programm tal-Unjoni u mal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka għal kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet speċifiċi għall-partekipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-programm Orizzont Ewropa.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
